**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can),Ph.D**

**Appell Nru: 140/2021**

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Shaun Camilleri**

**<u>Illum 24 ta' Lulju, 2025</u>**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, **Shaun Camilleri** detenur tal-karta tal-identita Maltija **318597M,** akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fid-disgha (9) ta' Marzu elfejn wiehed u ghoxrin (2021) fil-hinjiet ta' bejn dil-hdax ta' filghodu u n-nofs siegha (11am u 12:30pm) gewwa Marsaskala u b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li kienu maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Bil-hsieb li jwegga' lil omm uliedu Maraya Scicluna,wera dan il-hsie b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt metaghafas idejh ma ghonqha b'tentattiv li jigu kkaguati feriti gravi fuq persuntu, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu;

2. Volontarjament ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' omm uliedu Maraya Scicluna, hekk kif iccertifikat Dr.Maria R.Borg ( Med Reg 2206) mill-isptar Mater Dei;
3. Insulenta, hedded jew ingurija bi kliem jew b'mod iehor lil Maraya Scicluna ;
4. Ghamel inguriji jew theddid mhux imsemmija band'ohra fil-Kodici Kriminali jew, jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni lil Maraya Scicluna;

Il-Qorti giet gentilment mitluba li tohrog Ordni ta' Protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra Shaun Camilleri a beneficcju ta' Maraya Scicluna u l-familja taghha u dan ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba wkoll f'kaz ta' htija, sabiex ghall-persuni ta' Maraya Scicluna jew sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil Shaun Camilleri b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffisata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Mlata, ghal zmien li thoss xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar it-2 ta' Marzu 2022, fejn astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-tielet u tar-raba' imputazzjoni dedotti kontra l-imputat, stante li l-kwerela fil-konfront ta' dawk iż-żewġ imputazzjonijiet ġiet irtirata mill-parti offiża fil-mori ta' dawk il-proċeduri, u sabet l-imputat ħati tal-ewwel żewġ imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu. Tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, kkundannat lil ħati għal piena karċerarja ta' sena li fid-dawl ta' konsiderazzjonijiet magħmula ġew sospiżi għal perijodu ta' erba' (4) snin mid-data tas-sentenza a termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u tenur ta' l-artikolu 28G(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'żieda ma' dik is-sentenza sospiża l-Qorti qegħdet lil ħati taħt Ordni ta' Superviżjoni għal żmien erba (4) snin mid-data tas-sentenza bil-kundizzjonijiet stretti li ġew imposti fuqu skont l-

Ordni tas-Supervizzjoni annessa mas-sentenza li tifforma parti integrali minn dik is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lil ħati b' kliem ċar il-konsegwenzi jekk huwa jikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija matul dak il-perijodu operattiv ta' dik is-sentenza sospiża, jew jekk jonqos illi jsegwi xi waħda mill-kundizzjonijiet stipulati fl-Ordni ta' Superviżjoni. Il-Qorti ordnat li kopja tas-sentenza tintbagħat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole u ordnat li kopja ta' dik is-sentenza flimkien mal-atti ta' dawk il-proċeduri jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali fiż-żmien mogħti skond il-Liġi .

Rat illi fil-11 ta' April 2023 l-uffiċjal tal-Probatoin Matthew Fleri Soler permezz ta' rikors ressaq denunzja ai termini ta' l-Artikol 8 28(G) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta fejn saħaq:

1. Illi bis-sentenza msemmija hawn fuq appuntat Uffiċjal Sorveljanti ta' Shaun Camilleri bin-numru tal-identita' 318597M
2. Illi minkejja diversi avviżi Shaun Camilleri m'huwiex iżomm il-kuntatt meħtieġ mal-Uffiċjal Sorveljanti u għaldaqstant mhux possibli issir superviżjoni adekwata fil-konfront tiegħu

U talab sabiex il-Qorti tieħu dawk il-miżuri li jidrilha xieraq u opportuni.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar is-6 ta' Marzu, 2024, fejn sabet lid-denunzjat hati li naqas li jottempra ruhu mal-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' Supervizjoni imposti fuqu minn din il-Qorti fit-2' ta' Marzu 2022 u konsegwentement irrvokat l-istess *Ordni contrario imperio* b'effett immedjat. Ordnat ulterjormanet, li l-piena karcerarja ta' sena sospiza ghal perjodu ta' erba' (4) snin moghtija permezz tas-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet premessi tat-2 ta' Marzu 2022 tigi reza operattiva.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Shaun Camilleri, preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-25 ta' Marzu ,2024, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

- **THASSAR U TIRREVOKA** s-sentenza in kwantu ghall-piena inflitta u dan billi **TILLIBERA** lill-appellant minn kull htija u piena;
- F'kull kaz u sussidjarjament, **TIRRIFORMA** l-parti tas-sentenza koncernati l-piena nflitta fil-konfront tal-appellant u minflok tinfliggi piena aktar idonea skont ic-cirkostanzi ta' dan il-kaz;

**<u>L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:</u>**

**<u>A. Applikazzjoni tal-Liġi</u>**

**<u>Rekwiżiti tal-Artikolu 28G(2) tal-Kap. 9</u>**

9. Illi fis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif mogħtija nhar it-tnejn (2) ta' Marzu tas-sena elfejn tnejn u għoxrin (2022) fejn il-hati tpoġġa taht Ordni ta' Sperviżjoni ai termini tal-Artikolu 28G(1) tal- Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ghall-perjodu ta' erba' (4) snin mid-data ta' dik is- sentenza, u dan kif jidher a fol 149 tal-proċess. Wara s-sentenza minn fol 151 sa fol 153 hemm l-Ordni ta' Superviżjoni nnifisha;

10. Illi l-Artikolu 28G (2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jispeċifika r-rekwiżiti li ghandhu jkun fiha l-Ordni ta' Superviżjoni. Dan l-artikolu jgħid hekk:

> *(2) Ordni ta' superviżjoni għandu jispečifika l-isem, l-indirizz u partikolaritajiet oħra li jidentifikaw lill-hati, u l-uffiċjal sorveljanti ghandu jkun uffiċjal tal-probation mahtur bis-saħħa tal-Att dwar il-Probation u li ismu jissemma' fl-ordni ta' superviżjoni; u l-ordni ta' superviżjoni jista' barra minn hekk jinħtieġ li l-hati jikkonforma ruhu, matul il-perjodu kollu ta 'superviżjoni jew matul parti minnu, ma'dawk il- htigiet li l-qorti tista' timponi taht id- dispożizzjonijiet tal-artikolu 7 tal- imsemmi Att.*

11. Illi ai termini tal-Artikolu 28G(2) tal-Kapitolu 9 jista' jingħad li waħda mir-rekwiżiti li għandu jkun fiha 1-Ordni ta' Superviżjoni hija l-isem tal-uffiċjal sorveljanti li għandu jkun uffiċjal tal-probation mahtur bis-saħħa tal-Att dwar il- Probation;

12. Illi għalkemm isem l-ewwel uffiċjal sorveljanti li segwa lill-appellant ma ssemmiex taht 1-Ordni ta' Superviżjoni li tifforma parti integrali mis-sentenza ta' nhar it-tnejn (2) ta' Marzu tas-sena elfejn tnejn u ghoxrin (2022), a fol 154 insibu nota tas-Senior Probation Officer Ivan Sultana li permezz tagħha nfurma lil dik l- Onorabbli Qorti li l-Uffiċjal tal-Probation Leon Farrugia huwa l-Uffiċjal Sorveljanti li kien ser isegwi lill-hati;

13. Illi kif hareġ matul dawn il-proċeduri, Leon Farrugia ma baqax jokkupa l-kariga ta' Uffiċjal tal-Probation sewwa sew f' Jannar 2023, u dan skont ix-xhieda tieghu stess moghtija nhar is-sbatax (17) ta' Jannar tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) (ara a fol 178 tal-proċess);

14. Illi dan ġie kkonfermat u kkorraborat mill-Uffiċjal tal-Probation Matthew Fleri Soler fejn fix-xhieda tiegħu ta' nhar id-dsatax (19) ta' Ġunju tas-sena elfejn tlieta u ghoxrin (2023) huwa jikkonferma li ha *handover* mingħand I-Uffiċjal tal- Probation ieħor fi Frar tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (2023) (ara a fol 167 tal- proċess);

15. Illi minkejja li kien hemm sostituzzjoni tal-uffiċjal sorveljanti, u čioe minn Leon Farrugia għal Matthew Fleri Soler sabiex isegwi lill-appellant, imkien f'dawn il-proċeduri m'hemm evidenza li l-uffiċjal sorveljanti tal-appellant huwa Matthew Fleri Soler. In fatti, l-ewwel darba li l-isem Matthew Fleri Solèr bħala Uffiċjal Sorveljanti tal-appellant ifiġġ f'dawn il-proċeduri huwa fir-rikors ta' denunzja datata l-hdax (11) t'April tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (2023);

16. Illi għalhekk jiġi ritenut li ġialadarba l-uffiċjal sorveljanti ma kienx għadu l-Uffiċjal tal-Probation Leon Farrugia, kien jinkombi fuq l-Uffiċjal tal-Probation Matthew Fleri Soler u/jew is-superjuri tiegħu li bhalma sar meta ġie appuntat l-Uffiċjal tal- Probation Leon Farrugia fejn l-ewwel qorti permezz ta' nota ġiet infurmata permezz tal-hatra tiegħu, jerġa' jsir l-istess fejn il-Qorti tiġi tal-anqas infurmata li kien inbidel l-uffiċjal sorveljanti mis-Sur Leon Farrugia għas-Sur Matthew Fleri Soler;

17. Illi l-Artikolu 28G (2) jispecifika biss li "uffiċjal sorveljanti ghandu jkun ufficjal tal-probation mahtur bis-sahha tal-Att dwar il-Probation u li ismu jissemma 'fl- ordni ta' supervijoni" minghajr ma jindirizza x'għandu jsir fl-eventwalita' li wiehed jiġi sostitwit bl-iehor. Fl-umli fehma tal-appellant hemm dubji serji kemm in-nota li biha l-Qorti tiġi nfurmata bl-isem tal-uffiċjal sorveljanti hija suffiċjenti sabiex tissodisfa dak mitlub mill-Artikolu 28G ahseb u ara n-nuqqas tagħha,

18. Illi għalhekk fid-dawl ta' dan kollhu jingħad li ġialadarba isem I-Uffiċjal Sorveljanti, I-Uffiċjal tal-Probation Matthew Fleri Soler, ma jidher imkien fl- Ordni ta' Superviżjoni kif mitlub mill-Artikolu 28G (2), mela allura dan qatt ma seta' jagixxi bhala I-Uffiċjal Soveljanti tal-appellant u għaldaqstant ix-xhieda tiegħu mhux talli ghandha tiġi skartata, talli l-proċedura kollha ghandha titqies bhala invalida;

**Ir-rikors tad-demunzja ai termini tal-Artikolu 28(G) tal-Kap. 9**

19. Illi kif jidher minn a fol 163 tal-proċess, id-denunzja datata 1-hdax (11) t'April tas-sena elfejn tlieta u ghoxrin (2023) li saret mill-uffiċjal tal-probation Matthew Fleri Soler saret ai termini tal-Artikolu 28 (G) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Kodiċi Kriminali, filwaqt li l-ordni ta' superviżjoni saret ai termini tal-Artikolu 28G tal- Kap. 9;

20. Illi dan ifisser li r-rikors tal-uffiċjal tal-probtation Matthew Fleri Soler sar ai termini tal-Artikolu 28 sub-artikolu ittra "G" tal-Kap. 9. L-Artikolu 28 tal-Kap. 9 jitratta dwar

ir-regoli dwar kif ghandhom jiġu skuntati l-pieni. Dak l-artikolu huwa kompost minn erba' (4) sub-artikoli nnumerati min-numru wiehed (1) san-numru erba' (4) fejn is-sub-artikolu ittra "G" ma jirriżulta mkien. Tenut kont ta' dan, mela allura jista' jinghad li l-Artikolu 28(G) ma jeżisti mkien fil-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk ir-rikors datat il-ħdax (11) ta' April tas-sena elfejn tlieta u ghoxrin (2023) huwa null u invalidu għaliex ġie ntavolat a bażi ta' artikolu li huwa inezistenti;

21. Illi in oltre gialadarba r-rikors ġie ntavolat a bażi ta' artikolu ineżistenti, dan jirrendi dawn il-proċeduri nulli u invalidi;

**Rapport bil-miktub ai termini tal-Artikolu 28G(9) tal-Kap. 9**

22. Illi mingħajr preġudizzju ghas-suespost, jingħad li l-Artikolu 28 G(9) tal-Kap. 9 jghid li l-qorti li tkun harġet ordni ta' superviżjoni, ghadha tieħu azzjoni wara li jsirilha rapport bil-miktub. Fil-fatt, l-Artikolu 28 G(9) tal-Kap. Jghid is-segwenti:_

> *(9) Jekk f'xi żmien meta jkun ghadu fis-sehh l-ordni ta' superviżjoni il- qorti li tkun ghamlet l-ordni jkun jidhrilha, wara li jsirilha rapport bil- miktub mill-uffiċjal sorveljanti, li l-hati jkun naqas li jikkonforma ruhu ma'xi ħtieġa li hemm fis-subartikoll (2) u (3), il-qorti għandha ggieghel li 1-hati jingieb quddiemha f'jum stabbilit u f'hin stabbilit, u jekk il-qorti, wara li tkun semghet lill-hati, tkun sodisfatta li dak in-nuqqas ikun sehh, hija tista' jew f'każijiet serji jew ripetuti tordna li s-sentenza sospiża moghtija fil- procedimenti li fihom ikun sar l-ordni tas-superviżjoni tibda ssehh jew, mingħajr hsara ghall-kontinwazzjoni tal-ordni, twahhlu ammenda ta' mhux izjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disghin centeżmu (€232.94).*

23. Illi minkejja li l-Artikolu 28G(9) tal-Kap. 9 jitlob li l-uffiċjal sorveljanti jaghmel rapport bil-miktub lill-qorti li tkun harġet l-Ordni ta' Superviżjoni, naraw li l- uffiċjal

sorvejlanti Matthew Fleri Soler fl-ebda mument b'dawn il-proċeduri ma jippreżenta lill-ewwel qorti rapport bil-miktub, iżda jippreżenta biss ir-rikors datat il-hdax (11) t'April tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (2023), li anke I-validita' tieghu qed tiġi kkontestata;

24. Illi hawnhekk jingħad li l-liġi hija speċifika u titlob rapport bil-miktub. Ghalkemm sabiex tingibed l-attenzjoni lill-qorti, hafna mit-talbiet isiru permezz ta' rikors intavolat fl-atti ta' kawża partikolari, hawnhekk l-Artikolu 28G(9) qiegħed jitlob specifikament rapport bil-miktub. Ghalhekk qiegħed jingħad li se mai l-uffiċjal tal-probation Matthew Fleri Soler intavola rikors sabiex jinforma lill-Qorti b'dak li kien għaddej, huwa kellu flimkien mar-rikors jippreżenta rapport bil-miktub dwar in-nuqqasijiet tad-denunzjat jew altrimenti jippreżentah matul il-proċeduri;

**B. Żball erronju fis-sentenza**

25. Illi l-appellant jagħmel referenza ghall- paragrafu sitta (6) tas-sentenza ta′ l- ewwel qorti datata s-sitta (6) ta' Marzu tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) li tinsab a fol 188 tal-proċess li tgħid hekk: "Fis-seduta tal-17 ta' Jannar 2024, 1- Uffiċjal tal-Probation Matthew Fleri Soler xehed illi mis-seduta tad- **19 ta′ , Ġunju 2024** ^ (...) "

26. Illi gialadarba s-sentenza li tinsab esebita a fol 186 sa 191 ingħatat nhar is-sitta (06) ta' Marzu tas-sena elfejn erbgħa u ghoxrin (2024) ifisser li dawk il-proċeduri ġew konklużi dakinhar tas- sitta (06) ta' Marzu tas-sena elfejn erbgha u ghoxrin (2024) u għalhekk is-seduta tad-dsatax (19) ta' Ġunju tas-sena elfejn erbgħa u ghoxrin (2024) żgur li għadha ma sehhitx, tenut ukoll kont li din hija data futura li ghadha lanqas biss waslet, Ghalhekk f'dan ir-rigward m'hemm l-ebda dubju li dan huwa żball erronju tal-Ewwel Qorti;

## C. Apprezzament tal-Provi

**Provi bejn l-ewwel sentenza u r-rikors ta denunzja**

27. Illi fl-ewwel lok f'dan ir-rigward jingħad li x-xhud principali f'dawn il-proċeduri huwa l-Uffiċjal tal-Probation Matthew Fleri Soler bhala l-Uffiċjal Sorveljanti tal- hati, hawnhekk l-appellant. Dan ix-xhud jgħid li huwa ha l-każ fi Frar tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (2023) minn wara uffiċjal sorveljanti iehor mingħajr ma jispeċifika bl-eżatt meta ngħata t-tali ordni, u ċioe jekk hux fil-bidu jew fit-tmiem tax-xahar imsemmi minnu;

28. Illi l-Uffiċjal tal-Probation Matthew Fleri Soler jghid li fi Frar tas-sena elfejn tlieta u ghoxrin (2023) meta huwa ha l-każ f'idejh, l-appellant kien diga bi twissija finali, ma kienx iżomm kuntatt regolari, li l-attendenza tieghu ma kienitx wahda regolari minhabba li attenda ghal disa (9) appuntamenti mis-sitta u għoxrin (26) li ngħata kif ukoll li mid-disa (9) kampjuni tal-urina li ntalab jaghti, irrifjuta li jaghti wiehed filwaqt li għal hamsa (5) minnhom huwa riżulta pożittiv għall- kokaina (ara a fol 167);

29. Illi dan ifisser li dak li għadha kemm saret referenza ghalih u li stqarru l-Uffiċjal tal-Probation Matthew Fleri Soler ġara qabel Frar tas-sena elfejn tlieta u ghoxrın (2023) u għalhekk ma kienx xi ħaġa li esperjenza huwa stess iżda ġab din 1- informazzjoni minghand terzi persuni jew permezz ta' dokumenti. Minkejja dan, m'għandna l-ebda għarfien minn fejn inksibet din l-informazzjoni;

30. Illi m'hemm l-ebda dubju li d-Dipartiment tal-Probation u l-Parole u konsegwentement l-Uffiċjali tal-Probation ghandhom xi tip ta' inkartament fejn jinżamm rekord tal-appuntamenti li l-hatja jkunu ngħataw kif ukoll konferma ta' liema appuntamenti attendew o meno. L-istess jgħodd rigward ir-riżultati tat- testijiet tal-urina. Gialadarba jeżistu dawn id-dokumenti, kienu dawn l-aqwa prova possibbli

u mhux ix-xhieda tal-ex-Uffiċjal tal-Probation Leon Farrugia li ma ftakar xejn jew dik tal-Uffiċjal tal-Probation Matthew Fleri Soler li qieghed jixhed a bażi ta' prova li lanqas biss nafu x'inhi u li ma ġiet ippreżentata fl-ebda stadju ta' dawn il-proċeduri!;

31. Illi la hawnhekk ninsabu fil-kamp kriminali u r-regoli huma l-istess ghal kull xhud li jingieb quddiem il-qrati kriminali sabiex jixhed, qieghed jiġi ritenut li x-xhieda tal-Uffiċjal tal-Probation Matthew Fleri Soler m'hijiex l-aqwa prova possibbli ghaliex huwa ma seta' qatt jixhed rigward dak li gara qabel Frar tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (2023) gialadarba huwa ma kienx involut fil-każ,

32. Illi se mai, u ĝialadarba l-Uffiċjal tal-Probation Matthew Fleri Soler ma kienx l-uffiċjal sorveljani li segwa l-każ mill-bidu nett, huwa kellhu jikkorabora dak li xehed permezz ta' dokumenti li juru l-attendenza tal-appellant ghall-appuntamenti kif ukoll jippreżenta r-riżultati tal-kampjuni tal-urina għaliex kienu dawn l-aqwa prova li jissustanzjaw dak li allega;

33. Illi jingħad li dak kollhu li ġara qabel Frar tas-sena elfejn tlieta u ghoxrin (2023), kellhu jixdhu l-ex-uffiċjal tal-Probation Leon Farrugia. Minkejja li dan ix-xhud xehed nhar is-sbatax (17) ta' Jannar tas-sena elfejn erbgha u ghoxrin (2024), huwa deher li ma ftakar xejn u għalhekk ma tefa l-ebda dawl fuq dak li ġara qabel Frar tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (2023);

34. Illi għalhekk gialadarba fil-kamp penali dak li jallega għandu jġib l-aqwa prova li ghandha tkun 'lil hinn minn kull dubju, qiegħed jiġi ritenut li dak kollhu li xehed l-Uffiċjal tal-Probation Matthew Fleri Soler fir-rigward tal-perjodu bejn is- sentenza datata t-tnejn (2) ta' Marzu tas-sena elfejn tnejn u għoxrn (2022) u Frar tas-sena elfejn tlieta u ghoxrin (2023) ghandu jiġi totalment skartat;

35. Illi minkejja dawn in-nuqqasijiet varjı, 1-Ewwel Qorti erronjament għażlet li tistrieh ampjament u minghajr riservi fuq ix-xhieda tal-Uffiċjal tal-Probation Matthew Fleri Soler, u dan ghalkemm kien jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni li ġġib l-aqwa prova possibbli u disponibbli għaliha;

36. Illi qed issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Brian Grech** mogħtija nhar il-hdax (11) ta' Jannar tas-sena elfejn erbgħa u ghoxrin (2024) mill- Qorti tal-Appell Kriminali fejn dik 1-Onorabbli Qorti tenniet:

> *"F'dan l-isfond, tajjeb li jingħad u jiġi enfasizzat illi fil-Kamp Kriminali 1-prinċipju bazillari huwa li dejjem għandha tingieb l-aqwa prova mill- Prosekuzzjoni sabiex tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.*
>
> *Tajjeb jiġi enfassizat ukoll illi li tressaq l-aħjar prova mhix biss possibilita' li ghandha tigi esplorata mill-prosekuzzjoni sabiex tagħmel il-każ tagħha iżda huwa stabbilit mill-Qorti illi l-Prosekuzzjoni hija obbligata li tippreżenta l-aħjar prova. Kriminali, 2 April 2014."* **Il-Pulizija vs Brian Sciberras -** *Appell Kriminali,2 April 2014."*

37. Illi qed issir ukoll referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** wkoll deciża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnejn (2002) li pprovdiet dan li ġej:

> *"Huwa principju fondamentali fil-proċess kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi ħaġa, ghandu jressaq l-aħjar prova, u dan jista' biss jaga fuq prova sekondarja kemm -il darba din l-ewwel jew l-ahjur prova mhiex disponibbli",*

38. Illi taht paragrafu numru tnax (12) tas-sentenza (ara a fol 189 tal-proċess). I- Ewwel Qorti tghid:

> "*L-ahhar appuntament li attenda d-denunzjat qabel suret id-denunzja kien fl-ahhar ta' Jannar 2023, li jfisser li d-denunzjat qatt m'attenda appuntament mal-Uffiċjal tal-Probation Matthew Fleri Soler, li ha l-każ fi Frar 2023, qabel saret id-denunzja odjerna, u għalhekk in-nuqqas tiegħu li li jattendi għal dawn l-appuntamenti čertament ma kienx dovut ghal fatt li qed isibha diffièli li jikkomunika mas-Sur Fleri Soler*":

39. Illi hawnhekk l-Ewwel Qorti qiegħda tgħid li l-appellant bejn l-ahhar ta' Jannar tas-sena elfejn tlieta u ghoxrin (2023) u l-hdax (11) t'April tas-sena elfejn tlieta u ghoxrin (2023) qatt m'attenda ghal appuntament. Matul il-proċeduri hareġ li l-ex-Uffiċjal tal-Probation Leon Farrugia nafu li rriżenja mill-pożizzjoni tieghu fl- ahhar ta' Jannar tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (2023) u li kien f'Jannar l-ahhar appuntament li attenda l-appellant. L-Uffiċjal tal-Probation Matthew Fleri Soler ha l-kariga fi Frar tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (2023) mingħajr ma nafu bi preċiżjoni meta effettivament ha l-każ f'idejh. Barra minn hekk, fl-ebda punt 1- Uffiċjal tal-Probation Matthew Fleri Soler ma xehed meta kienet l-ewwel darba li ghamel kuntatt mal-appellant sabiex jinfurmah li kien huwa li ser jibda jsegwih. Naqas ukoll l-Uffiċjal tal-Probation Matthew Fleri Soler li jissusstanzja dak li jghid billi jindika u jġib prova tal-appuntamenti li l-appellant naqas li jattendi;

40. Illi tenut dan kollhu l-Ewwel Qorti għalhekk ma setgħet qatt tasal ghall-konklużjoni li kien nuqqas tal-appellant li m'attendiex għall-appuntamenti ghaliex imkien ma ġie stabbilit meta l-ha l-kariga u meta ghamel kuntatt mal-appellant l-Uffiċjal tal-Probation Matthew Fleri Soler;

41. Illi abbinat ukoll ma' dan il-punt, l-appellant jagħmel referenza ghall-paragrafu 13 tas-sentenza tal-Ewwel Qorti li jinsab a fol 190 tal-proċess fejn dik il-Qorti tghid: "Dan apparti li qabel saret id-denunzja, id-denunzjat irriżulta regolarment pożittiv għas-sustanti tal-kokajina";

42. Illi jingħad li l-Ewwel Qorti ma setgħet qatt tasal għal din il-konklużjoni għaliex primarjament hija ma rat l-ebda riżultat tat-testijiet tal-urina li saru lill-appellant iżda għażlet li tisrich biss fuq ix-xhieda tal-uffiċjal sorveljanti Matthew Fleri Soler li xehed f'dan ir-rigward a bażi ta' riżultat waqt perjodu li huwa lanqas biss kien l-uffiċjal sorveljani li kien qiegħed isegwi lill-appellant;

43. Illi għal darb' ohra qiegħed jingħad li l-aqwa prova għall-perjodu qabel saret id-denunzja kellha tkun, tal-anqas, ix-xhieda tal-uffiċjal sorveljani s-Sur Leon Farrugia, iżda li minnha ma ġie kkonfermat assolutament xejn;

**Provi bejn ir-rikors ta' denunzja u s-sentenza finali li qed tigi hawn appellata**

44. Illi fil-perjodu li l-uffiċjal sorveljanti Matthew Fleri Soler segwa lill-appellant, 1-istess uffiċjal sorveljanti kemm fix-xhieda tiegħu moghtija nhar id-dsatax (19) ta' Ġunju tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (2023) li tinsab a fol 167 sa 168 tal-proċess kif ukoll dik mogħtija nhar is-sbatax (17) ta' Jannar tas-sena elfejn erbgħa u ghoxrin (2024) li tinsab a fol 172 sa 173 tal-proċess permezz tax-xhieda viva voce tieghu hareġ li l-appellant inghata erba' (4) twissijiet finali u tminn (8) appuntamenti li minnhom attenda erbgha (4), li saru tlett (3) testijiet tal-urina u li ma kienx hemm attendenza ghall-erba' (4) appuntamenti;

45. Illi għal darb' ohra qiegħed jiġi enfasizzat li hawnhekk ninsabu fil-kamp kriminali fejn dak li jallega ghandu jipprova dak allegat permezz tal-aqwa prova li ghandha

tmur 'lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Minkejja dan l-oneru tal-prova, 1-Ewwel Qorti għażlet li tistrieh fuq ix-xhieda tal-uffiċjal sorveljanti Matthew Fleri Soler mingħajr dak li huwa allega ma ġie kkoraborat bi provi dokumentarji li mingħajr ebda dubju huma x'imkien disponibbli u setgħu jiġu ppreżentati minnhu sabiex mhux talli jeliminaw kull dubju possibbli, iżda huma l-aqwa provi f'każijiet ta' din ix-xorta;

46. Illi fin-nuqqas ta' dan, l-Ewwel Qorti ma jista' qatt ikollha serhan il-moħħ li waslet għall-ġudizzju korrett fil-konfront tad-denunzjat, sepċjalment tenut kont tal-fatt li x-xhud Maraya Scicluna (ara a fol 176 tal-proċess) xehdet li kien hemm problema bejn l-appellant u l-uffiċjal sorveljanti Matthew Fleri Soler. Fid-dawl ta' dan kollhu, kien jinkombi fuq l-Ewwel Qorti sabiex titlob lill-uffiċjal sorveljanti Matthew Fleri Soleri jisustanzja dak li allega permezz tal-provi kollha li kellhu a dispożizzjoni tiegħu, u dan ġialadarba l-Ewwel Qorti ghandha l-awtorita' li tagħmel dan;

47. Illi hawnhekk qed issir referenza ghas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali ta' nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' April tas-sena elfejn u tlieta (2003) fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina</u>** fejn dik il-Qorti tghid:

> *"Illi l-grad ta' prova li tilhaq il-Prosekuzzjoni, sakemm ma jkunx hemm specifikat mod iehor fil-Ligi, huwa tal-htija lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. Fil-kamp kriminali huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tipprova 1- akkuza taghha kontra l-akkuzat 'beyond reasonable doubt: kif gie deciz fil- kawza "Pulizija vs Bugeja" tas-26 ta' Marzu, 1987. Illi min-naha l- ohra d- difiza, msahha bil-presunzjoni tal-innocenza tal-akkuzat, tista tibbaza u/jew tipprova l-kaz taghha anke fuq bilanc ta' probabbilita.."*

Illi dan ifisser li l-Prosekuzzjoni kellha l-obbligu legali i tipprova 1- elementi legali supra indikati u konsegwentament il-htija tal-appellant lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni u f'kaz li tali elementi ma jigue ippruvati sal-grad tac-certezza

morali, il-Prosekuzzjoni tigi kkunsidrata li ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija u ghalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera."

**Anger Management**

48. Illi a fol 189 fis-sentenza tagħha, 1-Ewwel Qorti tghid li "Huwa ovvju li d-denunzjat qieghed, ghal ragunijiet li jafhom biss hu, jirrifjuta li jindirizza l- problemi tieghu, principalment ta' anger management u abbuż ta' sustanzi illečiti." Hija tirreferi wkoll għad-denunzjat, hawnhekk l-appellant li huwa "a ticking time-bomb";

49. Illi f'dan ir-rigward u fl-ewwel lok jinghad li l-Ewwel Qorti ma setghetx tikkonkludi li l-appellant ma ndirizzax il-problema ta' anger management u li huwa "a ticking time-bomb";

50. Illi kif inghad fl-ewwel sentenza tal-Ewwel Qorti datata t-tnejn (2) ta' Marzu tas-sena elfejn tnejn u għoxrin (2022) sewwa sew taht it-tlettax (13)-il paragrafu, hija tgħid li "L-imputat għandu fedina penali prattikament netta, b'kundanna wahda relatata ma'ksur tal-liġijiet tas-sewqan u tal-operi tal-bahar" Sussegwentement kien hemm dik is-sentenza fejn l-appellant instab hati tal-ewwel u t-tieni akkuża meqjusa bhala vjolenza domestika;

51. Illi jingħad li dan kien inċident izolat li ma reġax irrepeta ruhu, tant li l-appellant u s-siehba tiegħu Maraya Scicluna rrangaw il-problemi ta' bejniethom u llum għandhom tlett (3) itfal. Li kieku ma sarx xi forma ta' progress, l-akkadut kien jerġa jirrepeti ruhu iżda dan ma ġarax. Għalhekk 1-appellant ma jistax jifhem kif 1-Ewwel Qorti rreferiet għalih bhala a ticking time-bomb" fin-nuqqas ta' ripetizzjoni ta' dawk ir-reati;

52. Illi fit-tieni lok jingħad li l-Ewwel Qorti ma setghet fl-ebda hin tasal ghal konklużjoni li l-appellant ma ndirizzax il-problemi ta' sustanzi illečiti ghal diversi raġunijiet. Primarjament, jekk għall-grazzja tal-argument jeżistu r-riżultati tal- urina fejn ġie allegat li l-appellant kien pożittiv għall-kokaina, mix-xhieda tal- uffiċjal tal-Probation Matthew Fleri Soler hareġ li fl-aktar riżultati riċenti, 1- appellant ma baqax jirriżulta pożittiv għall-kokaina. B'hekk ifisser li l-appellant ghamel forma ta' progress f'hajtu, a kuntrarju ta' dan ritenut mill-Ewwel Qorti;

53. Illi sussidjarjament fir-rigward tar-riżultati pożittivi tal-kannabis, din illum hija dikriminalizzata tant li huwa permissibbli li wiehed ikollhu fil-pussess tieghu ghall-użu personali numru ta' grammi tas-sustanza tal-kannabis;

54. Illi abbinat ma' dan il-punt, imkien f'dawn il-proċeduri 1-Ewwel Qorti ma ndagat mal-uffiċjal sorveljanti Matthew Fleri Soler sabiex tara r-raġuni għalfejn id- denunzjat se mai kien jikkunsma 1-kannabis. Jinghad li l-uffiċjal sorveljanti Matthew Fleri Soler bhala l-uffiċjal sorveljanti tad-denunzjat kellhu jara għalfejn id-denunzjat kien qiegħed jagħmel użu mill-kannabis u jghinu jindirizza 1- problema, possibbilment anke jottjeni čertifikat mediku li jippermetti l-użu tagħha, diment li l-istess denunzjat jissodisfa l-kriterju li jimmerita l-użu tal- kannabis medicinali;

55. Illi a fol 189, 1-Ewwel Qorti tghid ukoll li x-xhieda ta' Maraya Scicluna m'għandhiex mis-sewwa meta din ix-xhud qalet li d-denunzjat kellhu relazzjoni tajba mal-uffiċjal tal-probation Leon Farrugia iżda ma kellhux l-problemi mal- uffiċjal tal-probation Matthew Fleri Soleri;

56. Illi r-raġuni li tagħti l-Ewwel Qorti kif waslet għal din il-konklużjoni hija ghal darb' ohra wahda hażina għaliex hija tibbaża r-raġunament tagħha fuq dak li tenna l-uffiċjal

sorveljanti Matthew Fleri Soler fuq perjodu li huwa ma kienx isegwi lill- appellant u li fl-ebda stadju dak allegat ma' ġie kkorraborat;

**Piena Erogata**

57. Illi mingħajr preġudizzju ghas-suespost, fl-umli fehma tal-esponnet il-piena erogata mill-Ewwel Qorti hija eċċessiva fid-dawl tan-nuqqasijiet kollha f'dawn il-proċeduri;

58. Illi fl-ewwel lok qed issir referenza ghas-sentenza tat-tnejn (2) ta' Marzu tas-sena elfejn tnejn u għoxrin (2022). F'dawk il-proċeduri li kienu ta' natura ta' vjolenza domestika, minkejja li l-kwerelanta u ċioe s-sieħba tal-imputat irrinunzjat ghal dak kollhu rinunzjabbli, dik il-Qorti minkejja li hija stess gharfet li l-partiiet "qed jghixu ħajja stabbli"s xorta għażlet li tkompli bil-proċeduri, u dan anke minkejja li l-kwerelanta u l-imputat kienu rrikonċiljaw u ndirizzaw il-problemi ta' bejniethom;

59. Illi fit-tieni lok, għajr għas-sentenza moghtija nhar it-tnejn (2) ta' Marzu tas-sena elfejn tnejn u għoxrin (2022) u kif tenut ukoll fl-istess sentenza taħt paragrafu tlettax (13) "L-imputat għandu fedina penali prattikament netta, b'kundanna waħda relatata ma'ksur tal-liġijiet tas-sewqan tal-operi tal-bahar." Dan ifisser li b'kollox, l-appellant affaċċja l-ġustizzja darbtejn, l-ewwel darba f' incident minuri filwaqt li t-tieni darba f'reat meqjus bhala dak ta' vjolenza domestika fejn għalkemm żbalja, huwa tgħallem mill-iżball għaliex ma reġax ikkommetta reat tal-istess tip, anzi, irranġa r-relazzjoni mas-sieħba tiegħu;

60. Illi dan ġie kkonfermat mis-siehba tal-appellant Maraya Scicluna fejn hija xehdet li llum il-ġurnata hija u l-appellant ghadhom f'relazzjoni fejn miż-żmein tas- sentenza tat-tnejn (2) ta' Marzu tas-sena elfejn tnejn u għoxrin (2022) huma kellhom tarbija ohra u għalhekk s'issa b'kollox għandhom tlett (3) ulied li lkoll huma ta' eta' żgħira. Hija

tikkonferma wkoll li l-appellant bhala missier qiegħed jaghraf l-obbligi tieghu bhala t-tali tant li jipparteċiba bi shih fit-trobbija ta' wliedu;

61. Illi għalhekk ġialadarba l-appellant irranġa r-relazzjoni tiegħu mas-sieħba li magħha jifforma familja ta' hames (5) persuni li huwa stess imantni permezz tax-xoghol tiegħu, wiehed jistaqsi kemm huwa ekwu li l-appellant jaffaċja piena karčerarja. Jinghad li piena karċerarja m'hi se ġġib l-ebda ġid lil din il-familja, anzi ser tikkrea problem varji, fosthom finanzjarji;

62. Illi din il-familja li qiegħda tiffunzjona u għandha hajja stabbli, permezz tas-sentenza tal-Ewwel Qorti, ser ittelifha milli tkompli miexja l-quddiem. Għalfejn? Ghaliex ser tnehhi mill-equation lill-missier li qiegħed finanzjarjament jipprovdi ghall-istess familja kif ukoll ser thalli lill-omm mingħajr l-għajnuna tal-missier sabiex tieħu ħsieb lit-tlett (3) ulieda. Dan kapaċi jhalli jiperkussjonijiet ferm aktar negattivi fuq din il-familja li tista' taqbad it-triq tan-niżla minflok tkompli tipprogressa 'l quddiem. Allura wiehed ma jistax ma jistaqsix jekk dan huwiex ta' benefiċċju għas-soċjeta' in ġenerali u min ser jibbenefika mill-piena karčerarja li possibilment jista' jiskonta l-appellant;

63. Illi fid-dawl ta' dan kollhu, għalkemm a tenur tal-Artikolu 28G(9), 1-Ewwel Qorti setghet ikkundannat lill-imputat ammenda fil-massimu ta' mitejn tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (EUR 232.94), hija għażlet li ddaħħal fis-sehh is-sentenza sospiża mingħajr ma tiżen ir-riperkussjonijiet tad-deċiżjoni tagħha;

64. Illi għal dawn ir-raġunijiet fuq ton akkademiku, l-appellant ma jaqbilx kompletament ma' tali insenjament. Dan huwa minħabba li qabel mal-Qrati tal-Ewwel grad, fin-nuqqas ta' sistema ta' 'sentencing policy' rigida, ma' jżommux ċertu konsistenza u omogenita' fis-sentenzi tagħhom, allura bilfors li jkollok min jilmenta bhalma qed jiġri fil-każ in eżami. In oltre, f'kull każ, Qrati tal-Appell xorta għandhom

jidħlu f'eżami akkurat taċ-ċirkostanzi kollha biex jaraw il-piena inflitta kinitx eċċessiva jew le;

65. Illi qabel xejn għandu jiġi kkunsidrat li l-piena qatt m'għandha sservi sabiex titpatta l-hsara li tkun iggarbet mill-vittmi jew mill-familjari tagħhom - kawża tas-sinistru;

66. Illi f'dan l-isfond ssir riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Francis Mamo**:

> "*Fil-verita l-iskop tal-piena muhiex wiehed ta' tpattija. Huwa ben stabbilit li l- piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta' fil- konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiched minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mearrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir- rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati.*
>
> *Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas- socjeta' dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta'gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*
>
> *Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu, jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena*

*permezz ta' liema, skond ic- cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.*

(...)

*Illi huwa car li l-imputat mhux persuna ta' kondotta vjolenti jew li ghandu bzonn ta'xi tip ta' riforma fil- karattru tieghu, dan pero ma jfissirx necessarjament li huwa m'ghandux jinghata piena karcerarja jekk hija din il-piena li tohloq dak il- bilanc gust bejn id-diversi skopijiet li jridu jintlahqu permezz taghha, inkluz dak li tibghat messagg car li jservi ta' deterrent.*

*Illi fil-kaz in ezami l-imputat m'ghandux l-iskuza ta' l-inesperjenza jew il-blugha taz-zghozija; huwa ragel adult u ta' certa esperjenza li pero ghazel li jinjora dak li din l-esperjenza bil-fors kienet ghallmitu;*

67. Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anton Vassallo** deċiża mill-Onor Imhallef David Scicluna nhar id-disgha (09) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlettax (2013) intqal hekk:

*"Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan 1- aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll irriforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta' dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil- kaz ta' reati gravi, is- sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati*

*ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanċ ġust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."*

*Din il-Qorti hi tal-fehma li fil-kaz in ezami jidher illi lappellant/A-appellat qieghed fit-triq it-tajba u qieghed jaghmel l-isforzi mehtiega biex izomm in lineja mar- responsabbiltajiet tieghu. Is-socjeta ghalhekk ma tistax tigi protetta bl- inkarcerazzjoni tieghu izda billi, bl-ghajnuna ta' ufficjal tal-probation, ikompli jirresponsabbilizza ruhu, u dan anke billi jaghmel il-pagamenti opportuni lill- vittmi tieghu kif ukoll billi jrodd xi haga lis-socjeta permezz ta' servizz fil- komunita' Ghalhekk huwa l-kaz illi, minbarra ordni ta' kumpens, l-appellant/i- appellat accettanti, jitqieghed taht ordni ta' probation u servizz sabiex ikun hemm ammont ta' supervizjoni minn ufficjal tal-probation filwaqt illi l-hati, permezz tal- hidma tieghu, ikun qieghed irodd lis-socjeta offiza dak is-sodisfazzjon li hija tippretendi li ghandu jkollha minhabba l-agir kriminuz tieghu."*

68. Illi in oltre fil-kawża fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Massimo Abela</u>** deċiża mill-Imhallef Edwina Grima nhar it-tmienja u ghoxrin (28) ta' Frar tas-sena elfejn u tmintax (2018) intqal hekk:

*"Illi bosta drabi l-Qrati sahqu fuq il-bzonn ta' piena li ghandha tkun mezz riformattiv, a skapitu tal-mezz deterrent fil-piena. Fil-fatt, fost diversi decizjonijiet, fis-sentenza Il-Pulizija vs. Stephen Spiteri moghtija mill-Qorti tal- Appell Kriminali fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta (2003), il-Qorti qalet illi:*

*Konsiderata l-piena bhala mezz ta' riforma tal-imputat fl-interess tieghu u tas- socjeta', izjed u izjed din il-piena karceraja tidher inadatta. Infatti, permezz taghha, tifel ta'kondotta sa issa tajba, u li*

*diga', bil-fatti, wera'; soghba tar-reat li ghamel, ser jinxtehet ghal soggorn ma' nies li fil-maggioranza taghhom huma delinkwenti recidivi multipli. B'hekk minflok jigi riformat, hemm il-possibilta illi huwa jichu lezzjonijiet fid-delinkwenza... tara illi huwa opportun illi inehhi 1- impressjoni illi l-iskop tal-ligi kriminali u tal-piena huwa biss illi jkun ta' deterrent biex jghallem lil dak li jkun illi 'crime does not pay'. Huwa certament kuncett illi ghamel zmien u kien il-kuncett predominanti, pero llum il-kuncett m'huwiex aktar ta'piena retributtiva, imma ta'sistema restorattiva, fejn anke jekk hu possibbli u safejn hu possibbli, u tenut kont anki tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tal-precedenti kriminali tal-imputat, isir tentattiv biex mhux biss issir rikonciljazzjoni bejn l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun sofriet danni u anke sofferenzi ohrajn, imma anki illi jkun hemm possibilita' illi dak li jkun jigi informat u jikkonvinci ruhu illi ghandu jsegwi t-triq it-tajba."*

69. Illi mbagħad fis-sentenza tagħha **<u>Il-Pulizija vs Maurice Agius</u>**, il-Qorti tal-Appell Kriminali eżaminat in funditus meta qorti għandha timponi sentenza ta' priġunerija sospiża:

"*Fis-sentenza taghha tat-23 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Anthony Wood din il-Qorti (kif illum presjeduta) kienet spjegat kif Qorti ta' Gustizzja Kriminali ghandha taffronta l-kwistjoni jekk ghandhiex timponi o meno sentenza ta prigunerija sospiza, u dan kemm fuq l-iskorta tal-gurisprudenza tal-qrati Inglizi u tal-ligi Ingliza kif kienet dak iz-zmien u precedentement, kif ukoll fuq l- iskorta ta' gurisprudenza lokali. Huwa car, anke fid-dawl tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 28A, li l-ewwel haga li qorti trid tiddecidi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mill-legi stess) mizuri bhal ordinijiet maghmula taht 1-- Att dwar il-Probation jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien*

*jimmerita prigunerija, il-gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioe' biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-gudikant ma jridx jogghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioe' biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghal periodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f'dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni (bhalma huma l-paragrafi (a), (b) u (c) tas-subartikolu (7), gja msemmi, tal-Artikolu 28A, jew bhalma wiehed isib fl- Artikoli 337A u 22(9) tal-Kapitoli 9 u 101 rispettivament); jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza u, jekk ghandha tigi sospiza, x'ghandu jkun il-periodu operattiv taghha (cioe' ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati).*

*Huwa minnu li, kif jispjega l-Professur David Thomas fil-ktieb tieghu Principles of Sentencing "[the] difficulty that arises at this point is that if the first two stages have been followed correctly, all factors which are relevant to the sentence should have been taken into account already. The sentencer must either give double weight to some factors for which he has previously made allowance in calculating the length of the sentence, or search for some new factors which will justify suspension although they are not relevant to the other issues which the sentencer has already considered." Din il-Qorti, fis-sentenza taghha aktar il-fuq imsemmija (ta' Anthony Wood) hadet linja aktar prammatika milli forsi teoretika Jew akkademika u, fuq l-iskorta ta' sentenzi precedenti,*

*stabbiliet li s-sentenza sospiza, oltre li ghandha tkun applikata bhala eccezzjoni u mhux bhala regola, ghandha tinghata f'kaz ta' xi cirkostanza partikolari li minhabba fiha l-qorti thoss li ma jkunx opportun li tapplika 1- piena "normali" preskritta mill-ligi ta' prigunerija b'effett immedjat. Fi kliem ichor, hemm bzonn li jkun hemm cirkostanza (jew cirkostanzi) specjali (mhux neccessarjament, pero, cirkostanzi specjali u straordinarji bhalma jissemmew fl-Artikolu 21 tal-Kap. 9) li jaghmlu l-eccezzjoni (is-sospensjoni tal-piena ta prigunerija) aktar indikata ghar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja mir-regola (il-piena karcerarja b'effett immedjat).*

*Naturalment huwa mpossibbli li wiehed jiddetermina aprioristikament x'inhi jew x'tista' tkun tali cirkostanza (jew cirkostanzi), jew li jipprova jiddefiniha. Il-buon sens, pero, jissuggerixxi diversi cirkustanzi, u kriterji ohra, li ghandhom jitqieghdu fil-kfief tal-mizien: il-gravita` tar-reat, il-mod kif ikun twettaq, l-impatt fuq is-socjeta, il-hsara rizultanti, jekk wiehed ghamilx tajjeb ghal dik il-hsara, il-koperazzjoni u l-ghajnuna li wiehed ikun ta lill-pulizija fil-kors tal--investigazzjoni, I-ammissjoni bikrija (b'mod li l-istat ma jinkorrix f'aktar spejjez), l-impatt tas-sospensjoni jew tan-nuqqas ta' sospensjoni kemm fuq il-persuna misjuba hatja kif ukoll fuq is-socjeta, jekk il-persuna misjuba hatja hix perikoluza u/jew x 'indikazzjonijiet hemm li hija tista' terga'tikkommetti reat iehor (simili jew ta' xorta ohra), u hafna u hafna cirkostanzi ohra. Jinghad ukoll li, filwaqt li gudikant, fil-ghoti tal-piena (u dan mhux biss fil-kaz ta' jekk sentenza ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza o meno) ghandu jiehu kont tal-impatt tar-reat fuq is-socjeta u tar-reazzjoni tas-socjeta ghal dak it-tip ta' reat (tali reazzjoni hija r-rifless ta' dak l-impatt), il-gudikant mhux qieghed hemm biex jissodisfa l- ghajta ta' dawk li, ma'kull sentenza, tarahom jiktbu fil- gazzetti jew f'xi blog fuq l-internet biex jikkritikaw kollox u bl-addocc ghax minghalihom li saru issa esperti anke fil-ligi u*

*fil-mod kif is-sentenzi ghandhom jigu decizi. Kif qal Lord Justice Lawton fil-kawza R v. Sargeant:*

"*Society, through the courts, must show its abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the courts can show this is by the sentences they pass. The courts do not have to reflect public opinion. On the other hand they must not disregard it. Perhaps the main duty of the court is to lead public opinion.*"

70. Illi in oltre l-esponent jagħmel referenza ghall-ktieb bl-isem ta' **Principles of Sentencing** (Heinemann, London, 1979), ta' **David Thomas**, fejn intqal illi:

"*The probation order is clearly the most important individualized measure available to a sentence. It is not limited to any one group of offenders; as the discussion in chapter one illustrates, probation is used to deal with recidivists of mature age as well as the young and those of good character*" *(p.236)*

71. Illi fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-tnejn u għoxrin (22) t'Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019) fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mohamed Berkouk. Maalem Abderrahmane, Lazhari Zamouche**' gie kkunsidrat li:

"*Peress li dan huwa appell limitat biss għall-piena inflitta, din il- Qorti trid tistharreg jekk il-Qorti tal-Maġistrati setghetx legalment u ragonevolment tasal għas-sentenza tagħha billi tanalizza jekk il-piena inflitta minn dik il-Qorti kienetx taqa' fil-parametri legali, jekk kienetx żbaljata fil-principju, jew jekk kienetx manifestament eccessiva. Kif gie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005:*

*It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):*

*"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, "This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side - an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."*

*This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.*

*Fi ftit kliem, jispetta lill-Qorti tal-Magistrati li tiddeċiedi fuq il-fatti tal-każ, fuq jekk l-imputat ikunx hati jew le, u jekk hati, x'piena ghandha tingħatalu. Jekk il- Qorti tal-Magistrati ma*

*tkunx hadet xi żball fl-analiżi tal-provi jew tal-Ligi, allura s-sentenza tagħha tibqa' torbot u din il- Qorti ma tistax tagbad u thiddilha jew thassarha jekk ma jkunx hemm raġuni valida ghaliex. Jekk pero l-Qorti tal- Magistrati tkun hadet xi zball, imbagħad din il-Qorti għandha d- dmir li dak l- izball tirrangah.*

*Din il-Qorti trid tanalizza wkoll jekk il-Qorti tal-Magistrati applikatx piena li kienet manifestament eccessiva meta wiehed jiehu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl- appell Kandemir u li gie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bhala Qorti ta'appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet ghola minn dik li din il-- Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien mehtieg li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill- Qorti tal-Magistrati kienet tohrog barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma zbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni horox għal xi Gudikanti. Biex piena moghtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju meta giet emanata dik il-piena.*

*Il-ġustifikazzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti principali, jiġifieri l-effett:*

*(a) Retributtiv;*

*(b) Preventiv; u*

*(c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena*

*L-aspett retributtiv tal-piena huwa, skont il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi is-sitwazzjoni morali soċjali għal kif kienet qabel ma sehhet il-hsara lis-soċjeta bil- kommissjoni tar-reat. U s-soċjeta teżigi li l-hati jagħmel tajjeb għall- azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paċi u trankwillita' tagħha.*

L-aspett preventiv tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi ghal biża li s-sanzjoni li tkun tista' tingħata tohloq f'mohh is-soċjeta, b'mod li dak li jkun jerġa jahsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem Illum il-ġurnata huma bil-bosta l-insenjamenti mill-Qorti tal-Appell Kriminali dwar l-importanza li l-piena ghandna tkun mezz riformattiv, a skapitu tal-mezz deterrent fil-piena,

Semghet lill-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet fuq ir-rikors.

Rat li fis-seduta tas-17 ta' Gunju 2025 xehdet **Maraya Scicluna** omm it-tlett it-tfal li l-appellant ghandu in komuni maghha. Stqarret li minn meta dan il-kaz l-appellant gab ruhu tajjeb hafna maghha u li hija tahfirlu ta' dak kollu li ghamel. Iddikjarat li ghadha f'relazzjoni mieghu u jghixu taht l-istess saqaf u li l-appellant jahdem ukoll ma missierha.

Ikkunsidrat.

<u>**Dwar l-aggravju li Rekwiżiti tal-Artikolu 28G(2) tal-Kap. 9 ma ġewx sodisfatti.**</u>

Illi dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud in totum. L-appellant qatt ma kkontesta l-fatt li Matthew Fleri Soler kien qed jokkupa l-irwol ta' Probation Officer tiegħu, anke meta dan xehed quddiem il-Qorti, u dan jindika ċar li l-istess appellant kien jaf u aċċetta din il-funzjoni bħala fatt mhux kontestabbli.

Din il-Qorti ma tara ebda raġuni sabiex tiddubita l-fatt li Matthew Fleri Soler huwa proprju l-Probation Officer li segwa lill-imputat wara li Leon Farrugia waqaf mill-kariga tiegħu f'Jannar 2023, kif ukoll skont ix-xhieda diretta tiegħu stess.

Matthew Fleri Soler mhux biss preżenta r-rikors li wassal għal dawn il-proċeduri ta' ksur tal-Ordni ta' Superviżjoni, iżda saħansitra xehed taħt ġurament f'dati differenti — jiġifieri fit-19 ta' Ġunju 2023, 5 ta' Settembru 2024, 21 ta' Novembru 2024, 16 ta' Jannar 2025 u 17 ta' Ġunju 2025 — fejn espona l-irwol tiegħu kif ukoll l-andament tas-superviżjoni tal-imputat.

F'dawn ix-xhieda, l-imputat ma għamel ebda tentattiv biex jiskredita lir-rwol ta' dan ix-xhud, u għaldaqstant din il-Qorti ssostni li ma hemmx lok sabiex il-funzjoni tiegħu bħala Probation Officer tiġi postha fid-dubju.

L-appellant qed jagħmel interpretazzjoni strettament formali tal-Artikolu 28G(2) tal-Kap. 9, liema artikolu jirreferi għall-ordni inizjali ta' superviżjoni u l-ħatra ta' uffiċjal sorveljanti fiha. Madankollu, l-istess artikolu ma jinkludix dispożizzjoni li invalidazzjoni awtomatika sseħħ jekk uffiċjal jiġi sostitwit u ma ssirx nota uffiċjali fil-proċess – u dan b'mod partikulari meta d-delegazzjoni tkun magħrufa lill-Qorti u ma tkunx kontestata mill-imputat.

Fil-fatt, bħal ma sar f'okkażjoni preċedenti meta ġiet notifikata l-Qorti permezz ta' nota dwar il-ħatra ta' Leon Farrugia, b'mod prattiku u amministrattiv ġew mgħarrfa wkoll is-superjuri responsabbli, u saret il-handover bejn iż-żewġ uffiċjali, kif ikkonfermat mill-istess Matthew Fleri Soler taħt ġurament.

Il-fatt li isem Matthew Fleri Soler ma jidhirx fl-ordni oriġinali tal-2022 ma jħassarx ir-rwol tiegħu, peress li s-sostituzzjoni tiegħu hija magħrufa lill-Qorti u l-istess uffiċjal xehed kontinwament quddiem din il-Qorti fil-presenza tal-istess appellant. Id-dikjarazzjoni tiegħu hija awtorevoli u sostnuta b'evidenza oħra fil-proċess.

Għaldaqstant, dan l-aggravju għandu jiġi miċħud.

**<u>Rigward l-aggravju dwar l-allegata nullità tar-rikors tad-denunzja minħabba żball fil-kwotazzjoni tal-artikolu legali</u>**

Huwa minnu li fir-rikors tad-denunzja ppreżentat mill-Probation Officer Matthew Fleri Soler datat l-11 t'April 2023 (a fol 163 tal-proċess), l-artikolu msemmi huwa "Artikolu 28(G)" tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Iżda dan huwa żball ovvju ta' forma (*error materiale*), li b'mod ċar ma jikkawżax inċertezza dwar il-bażi legali tal-proċedura u bl-ebda mod ma jġib warajh nullità. Il-ligi imkiwn ma tipprovdi ghal nulita f'kaz bhal dan. In-nullita li tpprospetta il-ligi hija dik kontempalta fl-artikolu 383 tal-Kap 9

tal-ligijiet ta Malta u cioe met aikun hemm zball fic-citar tal-artikoli mill-qorti fis-sentenza finali taghha.

Il-fatt li ġiet indikat il-forma "28(G)" minflok "28G" ma jbiddilx l-effett legali tar-rikors, b'mod partikolari meta wieħed iqis li:

- L-unika taħt artikolu "G" li jeżisti taħt l-Artikolu 28 tal-Kap. 9 huwa proprju l-Artikolu 28G;
- L-intenzjoni tal-Probation Officer hija waħda ċara u mhux ambigwa, b'referenza diretta għall-Ordni ta' Superviżjoni u l-ksur tagħha;
- Ir-rikors isemmi l-fatti, il-kuntest, u r-rabta mal-proċeduri ta' superviżjoni b'mod li ma jħalli l-ebda dubju dwar is-sors legali li fuqu kien qed jistrieħ.

Il-ġurisprudenza Maltija diġà ikkonfermat li żbalji ta' forma bħal dawn ma jwasslux għal nullità jekk il-mertu tar-rikors jew tal-att proċedurali jibqa' ċar u mhux ambigwu.

Il-Qorti trid tħares lejn is-sustanza u mhux biss lejn il-forma. Żbalji materjali jew formali li ma jaffettwawx il-kapaċità tal-persuna li tifhem x'inhu jiġi allegat kontrieha m'għandhomx iwasslu għal nullità. Di piu' l-Qorti ma għandhiex twettaq interpretazzjoni teknika tal-proċedura b'mod li l-ġustizzja tiġi frustrata għal żbalji manifestament innoċwi fil-forma.

Għaldaqstant, dan l-aggravju huwa infondat. L-intenzjoni tar-rikors kienet ċara, l-artikolu rilevanti huwa univoku, u żball fil-mod kif ġie mniżżel l-artikolu — jiġifieri l-użu tal-parentesi "(G)" flok "G" — bl-ebda mod ma jikkawża nullità tar-rikors u wisq inqas tal-proċeduri kollha.

Dan l-aggravju għandu għalhekk jiġi miċħud.

**<u>Dwar l-aggravju dwar l-allegat nuqqas ta' rapport bil-miktub skont l-Artikolu 28G (9) tal-Kap. 9</u>**

L-appellant qed jallega li, għaliex ma kienx hemm rapport bil-miktub skont l-Artikolu 28G (9) tal-Kap. 9, il-Qorti ma setgħetx taġixxi.

Il-funzjoni prinċipali ta' rapport bil-miktub, kif mitlub mill-Artikolu 28G (9), hija li l-Qorti tiġi infurmata b'mod uffiċjali u dokumentat dwar nuqqas tal-ħati li jikkonforma mar-rekwiżiti tal-Ordni ta' Superviżjoni. Il-liġi ma tispeċifikax forma jew titlu partikolari għal dak ir-rapport – importanti hu l-kontenut tiegħu.

F'dan il-każ, ir-rikors datat 11 t'April 2023 (a fol 163) jinkludi b'mod ċar u dettaljat l-allegazzjonijiet ta' nuqqas ta' konformità mal-Ordni ta' Superviżjoni u għaldaqstant jaqdi perfettament il-funzjoni ta' rapport bil-miktub kif rikjest mill-Artikolu 28G (9).

Fil-prattika ġudizzjarja, il-Qrati ta' spiss jippermettu li dan "*rapport bil-miktub*" ikun ppreżentat f'forma ta' rikors, anke jekk il-liġi tuża terminoloġija oħra. Il-Qorti għandha tagħti interpretazzjoni funzjonali u mhux formalista tal-Artikolu 28G (9).

Għalhekk, l-argument li r-rikors għandu jkun akkumpanjat minn rapport separat ma għandux bażi fil-liġi u jkun qed jintroduċi formalità żejda li mhux mitluba mil-liġi u lanqas mill-prattika kostanti tal-Qrati.

Barra minn hekk, Matthew Fleri Soler, bħala Probation Officer, mhux biss ppreżenta r-rikors iżda wkoll xehed diversi drabi taħt ġurament, filwaqt li kkonferma u spjega u kkonferma l-allegazzjonijiet imressqa fir-rikors. Dan jissodisfa wkoll il-funzjoni meħtieġa taħt il-paragrafu (9) – jiġifieri li l-Qorti tkun infurmata b'mod konkret u kredibbli.

Għaldaqstant, il-fatt li r-rikors ma kienx intitolat espressament bħala "*rapport bil-miktub*" m'għandux iwassal biex il-proċedura tiġi invalidata. Il-forma mhi xejn meta mqabbla mas-sustanza, li f'dan il-każ ġiet osservata b'mod korrett u suffiċjenti.

Dan l-aggravju għandu għalhekk jiġi miċħud.

**<u>Dwar l-aggravju dwar l-allegat żball fid-data fis-sentenza tal-Ewwel Qorti</u>**

Dan l-aggravju għandu jiġi miċħud ukoll, billi jirreferi għal żball manifestament materjali u irrilevanti li bl-ebda mod ma jaffettwa s-sustanza jew il-validità tas-sentenza.

L-appellant jikkwota mill-paragrafu 6 tas-sentenza tal-Ewwel Qorti (fol. 188), fejn ġiet indikata d-data "19 ta' Ġunju 2024" bħala ġurnata ta' seduta, meta fil-fatt kien ovvjament intiż li d-data tkun "19 ta' Ġunju 2023".

Dan huwa żball ċarament tipografiku, li jinftiehem minn kwalunkwe lettura raġonevoli tas-sentenza u tal-proċess inġenerali, hekk kif:

- Is-sentenza nnifisha ngħatat fis-6 ta' Marzu 2024 — jiġifieri qabel id- "data" żbaljata;
- Ix-xhieda effettiva ta' Matthew Fleri Soler issemma b'mod ċar fil-proċess li seħħet fit-19 ta' Ġunju 2023 (ara a fol. 167), u mhux fl-2024.
- Il-proċess kollu jikkonferma l-kronoloġija xierqa, u dan l-iżball ma ħoloqx ebda konfużjoni jew preġudizzju għall-imputat.

Żbalji fil-forma jew fid-dati li mhumiex ta' natura sostanzjali ma jipperikolawx l-istabilità tas-sentenza jekk is-sustanza tagħha tibqa' soda u ċara.

Għalhekk dan l-żball bl-ebda mod ma jagħmel impatt fuq il-validità tar-raġunament legali jew fuq l-eżitu tas-sentenza.

Dan l-aggravju għandu għaldaqstant jiġi miċħud ukoll.

**<u>Dwar l-aggravju dwar l-apprezzament tal-provi</u>**

Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel Zammit</u>** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal: -

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed; Ir-Repubblika ta'

*kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha.*

*Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.*

Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha[2].

---

Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija vs Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija vs Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija vs Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija vs Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija vs Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991Fil-kawża Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa ġie mistqarr li :.

Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il-verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir- Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

[2] dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu

Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi[3].

---

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004; Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez u Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina, 24 ta' April 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak, 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija vs Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija vs Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija vs Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija vs Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju

Pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-Law of Evidence.

Ghalhekk jispetta din l-Onorabbli qorti ta revizjoni sabeix tara x'kienu l-provi li gew prodotti.

L-Ewwel Qorti ma kkommettiet l-ebda żball meta bbażat ruħha fuq ix-xhieda tal-Uffiċjal tal-Probation Matthew Fleri Soler, li xehed b'mod ċar, koerenti u konsistenti fuq l-imġiba tal-appellant matul il-perjodu tas-superviżjoni. Il-fatt li parti mill-informazzjoni provduta minn dan l-uffiċjal kienet bbażata fuq rekords amministrattivi interni tad-Dipartiment tal-Probation, ma jnaqqasx il-valur tagħha bħala prova ammissibbli u kredibbli.

Huwa fatt magħruf u ġurisprudenzjalment aċċettat li uffiċjali pubbliċi jistgħu jagħtu xhieda bbażata fuq dokumentazzjoni amministrattiva u rapporti interni li jkunu parti mid-dmirijiet tagħhom – speċjalment meta dawn id-dokumenti jkunu rilevanti għall-monitoraġġ u r-rapportar lill-Qorti. L-onestà, funzjoni u kontinwità istituzzjonali jagħtu lil din ix-xhieda valur legali.

L-appellant ma jikkontestax il-fatt li dakinhar li saret id-denunzja, hu kien diġà mħarrek b'diversi twissijiet, kien attenda biss parti mill-appuntamenti tiegħu, u kien falla ukoll f'testijiet tal-urina. Dan ġie konfermat taħt ġurament mill-Probation Officer, li ma ġiex imdgħajjef taħt kontra-eżami.

Filwaqt li huwa minnu li d-Dipartiment tal-Probation għandu għad-dispożizzjoni tiegħu dokumenti relatati ma' attendenza u testijiet, dan ma jfissirx li l-prosekuzzjoni kienet obbligata tippreżenta dawk id-dokumenti jekk l-istess informazzjoni ngħatat direttament mill-uffiċjal li kien responsabbli, u li l-Qorti sabet li kienet affidabbli. Id-difiza lanqas qatt ma talbet sabeix dawn id-dokumenti jigu esebiti u ghalhekk indirettament kient qed taccetta ix-xhieda moghtiaj mill ufficcjal tal Probabtion. Huwa

---

1991; Il-Pulizija vs Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991. 4 Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Bonavia ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; Il-Pulizija vs Antoine Cutajar ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; Il-Pulizija vs Carmel Spiteri ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

minnu li l-prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha pero dan ghamlitu billi resqet lix xhud jideponi viva voce il-Worti fil-presenza tal-appellant

Barra minn hekk, il-Qorti ma eżerċitatx id-diskrezzjoni tagħha b'mod arbitrarju, iżda f'dawl ta' xhieda dettaljata fuq l-imġiba kontinwa tal-appellant – anke wara Frar 2023 – li kkonfermat pattern ta' nuqqas ta' konformità mal-Ordni ta' Superviżjoni. Jitfakkar li l-fatt waħdu li l-imputat jonqos milli jattendi għas-seduti li għalihom jiġi imsejjaħ huwa biżejjed sabiex tinstab ħtija tal-imputatt.

Għaldaqstant, dan l-aggravju, li jipprova jiddikjara li l-Ewwel Qorti "*għażlet li tistrieħ bla riservi fuq xhieda mhux sostanzjata*" ma huwix korretti u l-Ewwel Qorti kienet koretta meta kienet sodisfatta li l-allegazzjonijiet ġew ippruvati lil hinn minn kull dubju raġonevoli, u b'mod xieraq eżerċitat id-diskrezzjoni tagħha fl-evalwazzjoni tal-provi.

Dan l-aggravju għandu għalhekk jiġi miċħud.

**<u>Dwar l-Aggravju tal-Piena Erogata</u>**

Dwar il-piena l-appellant jistqarr li din għandha tkun aktar miti u raĝonevoli, u tkun vera tirrifletti ċ-ċirkostanzi kollha tal-kaz odjern. Kwantu għall-piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati, huwa prinċipju ormai stabbilt li f'materja ta' appell minn piena, sabiex Qorti tal-Appell Kriminali tibdel il-piena li tkun erogat lewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita' li jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil prinċipju jew manifestament eċċessiva.

Illi hekk ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **<u>The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek</u>** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005: It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):

> *"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It*

*conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed." This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.*

Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' Appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti

kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti.

Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l- emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli għall-offiża in kwistjoni u għaċ ċirkostanzi tal-ħati u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et</u>** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti:

> *8. Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li lewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il- piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor. Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi,*

*linteressi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza Butler tqis anke, possibilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta' l-ewwel Qorti.*

Din il-Qorti sejra tilqa' u taċċetta dan l-aggravju u dan għas-segwenti kunsiderazzjonijiet partikoalri u straordinarji:

1. Fid-dawl taċ-ċirkostanzi personali tal-imputat, li huwa missier ta' tlett (3) itfal u jgħix mal-partner tiegħu Mariah Scicluna, li hija wkoll il-parti ċivili f'dan il-każ – kif jirriżulta mix-xhieda tagħha – din il-Qorti tqis li hemm elementi ta' rikonċiljazzjoni u appoġġ familjari reali li għandhom jitqiesu għall-finijiet tal-għażla tal-piena.
2. Ġie stabbilit li l-imputat għandu xogħol stabbli, u li l-familja tiddependi fuqu għall-għejxien tagħha. F'dawl ta' dan, din il-Qorti mhix tara l-utilità li jiġi applikat approċċ karċerali, iżda pjuttost miżura strutturata u affettiva li tgħinu jżomm il-kontroll fuq il-problemi personali tiegħu, partikolarment marbutin ma' anger management u abbuż ta' sustanzi.
3. Għalhekk, filwaqt li l-Qorti qiegħda tikkonferma l-konstatazzjoni tal-ħtija mogħtija mill-Ewwel Qorti fis-sentenza tas-6 ta' Marzu 2024, għall-fatt li l-imputat naqas li jottempera ruħu mal-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' Superviżjoni tas-2 ta' Marzu 2022, qiegħda tirrevoka l-piena b'mod li:

- Tikkonferma l-ħtija tad-denunzjat għal ksur tal-Ordni ta' Superviżjoni.
- Tħassar dik il-parti tas-sentenza tas-6 ta' Marzu 2024 li permezz tagħha ġiet ordnata l-eżekuzzjoni tal-piena sospiża ta' sena ħabs.
- Minflok, tordna li l-ħati jiġi mpoġġi taħt Ordni ta' Probation skont l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta għal perjodu ta' tliet (3) snin mill-lum, taħt is-sorveljanza ta' Uffiċjal tal-Probation u taħt dawn il-kundizzjonijiet:

**Kundizzjonijiet tal-Ordni ta' Probation**

1. Il-ħati għandu jżomm ruħu f'kuntatt regolari mal-Uffiċjal tal-Probation u joqgħod għal kull direttiva li jingħata.
2. L-istess Uffiċjal għandu jirrapporta lill-Qorti kull sitt xhur dwar il-progress tiegħu.
3. Il-ħati għandu javża immedjatament lil dan l-Uffiċjal b'kull bidla fl-indirizz residenzjali tiegħu.
4. Il-ħati għandu joqgħod għal kull żjara u ordni tal-Uffiċjal tal-Probation.
5. Il-ħati għandu jieħu sehem fi kwalunkwe programm jew inizjattiva relatata ma' anger management u problemi ta' abbuż ta' sustanzi jekk mitlub jagħmel dan mill-ufficjal tal-probabtion u jiehu dawn it-trattamenti b'mod serju ghaliex in-nuqqas tieghu li jittrata ma dawn iz-zewg kwisjtonijeit iwaslu ghal ksur tal ordni ta probation u dan ifisser li ser ikun qed jerga jdiher quddiem din il-Qorti sbaeix iwegeb ghal ksur ta Ordni ta probabtion.

Il-Qorti tagħmilha ċara li dan huwa l-**<u>aħħar ċans</u>** li qed tingħata lill-imputat. Ksur ieħor tal-kundizzjonijiet **jew** risultanza pożittiva għal sustanzi illeciti jew nuqqas li jidirizza il-problema tieghu ta' anger managment **jew** nuqqas ta' kuntatt mal-Uffiċjal tal-Probation, mingħajr raġuni medika valida, iwassal għal rappurtar immedjat quddiem din il-Qorti għal miżuri iktar gravi. **Jigi kjarifikat li l-probabtion officer huw ail lungus manus tal Qorti u ghalhekk ghandu jigi obdut fid-direzzjoni li talvolta ser ikun qed jghati lill-appellant**

**Ghalhekk din il-Qorti qed tghamilha cara li l-ufficcjal tal probabtion li tal volta jigi nominat biex isegwi lill-appellant ghandu izomm lil din il-Qorti infurmata b'dak li hu ghaddej fil-konfront tal-appellant u ghandu jirraporta lura lil din il-Qorti darba kul erbgha xhur dwar l-andament tal-appellant.**

Kopja ta' din id-deċiżjoni għandha tiġi notifikata lill-ħati u lid-Direttur tal-Uffiċċju tal-Probation Services u Parole skont l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Sabiex jigi appuntat kandidat idoenju bhala ufficcjal tal-Probabtion biex isegwi l-andament tal-appellant tul il perijdou ta tlett snin mill illum.

**Dr Consuelo Scerri Herrera**
**Onor Imhallef**

**Maria Grech**
**Deputat Registratur**